# IL-MILIED IT-TAJJEB!

Ta' G. Borg Pantalleresco

*Lill-Professur Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*

Mhux il-ġmiel
li bih xi drabi
ikun minsuġ il-kliem;
imma tipperswadina biss,
it-tieba tar-ruħ
li wasslithulna
u bil-fwieħa ta' fomm ġenwin
f'qalbna ħallithulna.
Żgur, li dal-kliem,
li għalik il-lum żejjinli fommi,
huwa bnin
bħall-ħalib u d-demm
li ħadt,
minn sider ommi.
Lilek,
li ta' l-attenzjoni tiegħek
ħallejt f'qalbi tifkira mill-isbaħ
is-sliem tiegħi nibgħat
kif missier lil ibnu,
kull meta jisbaħ.
Darba li Alla ried
li l-qamħ nara jinbet
anki f'dal-Milied;
irrid il-lum mill-ġdid
nikser is-skiet
b'dal-versi fqajrin:
Jalla
bi qdusitu, bi ġmielu
u b'imħabbtu —
Ġesù Bambin
ikun magħkom dejjem
f'kull waqt
u f'kull ħin!